MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Numru 5/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Owen Bonnici**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-22 ta' Jannar 2007 kontra Owen Bonnici li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuza lill-istess Owen Bonnici talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza

mehuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, kontra l-ligi u taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u b'dan ukoll, li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-4 ta' Marzu 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra sabu lill-imsemmi Owen Bonnici hati ta' l-uniku Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, iddikjarat lill-istess Owen Bonnici hati talli fil-15 ta' Gunju 2004, fil-hin ta' wara nofsinhar, gewwa l-Qormi Football Club, kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u b'dan ukoll, li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, u dana skond l-Ewwel u l-Uniku Kap tal-Att tal-Akkuza;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(aa)(bb) u t-tieni proviso tal-artikolu 22(2), 26 u 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern

tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39), u l-Artikoli 22, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati Owen Bonnici ghall-piena ta' seba' (7) snin prigunerija, b'dana li minn dan il-perijodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma dan ir-reat kif ukoll li jhallas multa ta' erbatax-il elf Ewro (€14,000) u, jekk din il-multa ma tithallasx minnufih, tigi awtomatikament konvertita fi' tnax-il (12) xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta' seba' mija u erbghin euro u wiehed u tmenin centezmi (€740.81c), import ta' l-ispejjez peritali inkorsi f'din il-kawza, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat pero` ma ordnatx il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-hati, ghar-raguni fuq imsemmija; u d-distruzzjoni tal-istess droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm, fi zmien hmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata, l-Avukat Generali b'nota ma jinfurmax lil dik il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi u b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirrapporta b'verbal lil dik il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta. L-ewwel Qorti ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi. Dik il-Qorti hekk iddecidiet wara li rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiza, wara li semghet ix-xiehda bil-gurament ta' l-Ispettur Nezrin Grixti illi kkonferma illi l-hati kien ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem Magistrat u kien iddikjara li kien pront li jixhed kontra Victor Magri fil-proceduri li ttiehdu kontra tieghu pero` peress li dan lahaq gie maqtul qabel ma dan seta' jsir, il-hati ma lahaqx xehed fil-kawza kontra Magri – ghalhekk fil-fehma tieghu kien applikabbli l-artikolu 29 favur il-hati, u wara li qieset is-segwenti:

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. J. Giglio, li jinsabu kollha registrati w senjatament (imma mhux biss) is-segwenti:-**

**1. li f'dan il-kaz kien applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101 peress li l-hati kien ta informazzjoni lill-Pulizija dwar il-provenjenza tad-droga kif kien xehed l-Ispettur Nezrin Grixti;**
**2. li l-hati kellu kondotta kompletament nadifa;**
**3. li l-verdett kien wiehed minimu ta' sitta kontra tlieta;**
**4. li fic-cirkostanzi ma kienx hemm raguni biex il-piena tigi kkargata sempliciment ghax il-hati ghazel li jikkontesta l-akkuza u jghaddi guri;**
**5. li f'dan il-kaz anki l-prosekuzzjoni jidher li kkoncediet li ma kien hemm ebda traffikar da parti tal-hati;**
**6. li dan kien kaz li seta' anki gie deciz quddiem il-Qorti tal-Magistrati;**
**7. li l-konfiska f'dan il-kaz ma kinitx applikabbli stante li kien biss bil-bdil tal-ligi li sehh recentement u wara l-kommissjoni tar-reat li din il-konfiska saret applikabbli f'kazijiet simili;**
**8. li dan kien kaz ta' pussess ghal ftit zmien u ghal haddiehor;**
**9. li l-hati kien jahdem u kellu familja;**
**10. li l-ammont ta' droga involut kien ta' ftit inqas minn kilo raza tal-cannabis ta' purita` normali u li**
**11. ghalhekk il-piena kellha tinghata fil-minimu taghha ta' erba' snin prigunerija specjalment meta wiehed jara kazijiet ohra fejn kien hemm ammonti akbar ta' droga, kien hemm reati ohra u ma kienx applikabbli l-artikolu 29.**

**"Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja illi ddikjara li l-artikolu 29 kien applikabbli ghal hati f'dan il-kaz in vista tax-xiehda ta' l-Ispettur Nezrin Grixti u li l-fatt li ma lahaqx xehed kontra Victor Magri ma kienx attribwibbli ghal xi nuqqas tieghu. Il-Qorti fl-ghoti tal-piena kellha ssib bilanc bejn il-htija ta' Owen Bonnici u l-gravita` tar-reat tenut kont tal-fatt li kieku din id-droga sabet ruhha f'idejn min kellu jikkunsmaha. Ghalhekk il-piena ta' minimu ta' erba' snin prigunerija ma kinitx indikata f'dan il-kaz.**

**“Ikkonsidrat:**

**“Illi l-piena ghar-reat li tieghu nstab hati Owen Bonnici hija dik ta' prigunerija ghal ghomru u l-multa hija dik kif mitlub fl-att ta’ l-akkuza;**

**“Qieset pero` li skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa)(bb) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta` tal-hati, il-kondotta ta’ qabel tal-hati, l-kwantita` tal-medicina u x-xorta u l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, u/jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, l-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f’kazijiet bhal dawn il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghal prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta’ mhux inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (Eur.2329.37c), ekwivalenti ghal elf lira Maltin, izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (Eur.116,468.67c), ekwivalenti ghal hamsin elf lira.**

**“Qieset ukoll li skond l-artikolu 29 tal-Kap. 101, li l-partijiet jaqblu li hu applikabbli ghal dan il-kaz, meta l-prosekuzzjoni tiddikjara waqt il-proceduri li l-hati jkun ghin lill-Pulizija biex tarresta xi persuna li tkun issuplietu bid-droga, jew meta l-hati jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li hu jkun hekk ghin lill-Pulizija, l-piena ta’ prigunerija ghandha tonqos bi grad jew tnejn u dik tal-multa b’terz sa nofs.**

**“Qieset ukoll li l-paragrafu (e) tal-artikolu 24A(1) li ghalih jaghmel referenza l-artikolu 22(3A) gie fis-sehh wara l-Att XXXI ta’ 2007 u ghalhekk wara l-kommissjoni tar-reat u ergo l-konfiska tal-assi tal-hati mitluba mill-prosekuzzjoni fl-Att ta’ l-Akkuza ma hix applikabbli.**

**“Qieset ukoll xi zmien li l-hati lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ din l-akkuza.**

**"Qieset ukoll sentenzi ohra moghtija minn din il-Qorti f'kazijiet li jixbhu lil dan fejn kien applikabbli l-artikolu 29 u fejn si trattava ta' pussess aggravat ta' raza tal-cannabis ghall-fini tal-ikkalibrar tal-piena kif ukoll sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) kemm fejn gew konfermati sentenzi ta' din il-Qorti kif ukoll fejn gew varjati u dana bil-ghan li jintlahaq certu proporzjon bejn sentenza u ohrajn."**

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Owen Bonnici pprezentat fil-25 ta' Marzu 2009 fejn talab li din il-Qorti thassar id-dikjarazzjoni ta' htija u tordna li jigu registrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni jew, alternattivament, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti fejn tikkoncerna l-piena; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor: (1) li saret irregolarita` matul il-kawza, jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi, li kellha influwenza fuq il-verdett u li minhabba fiha saret aministrazzjoni hazina tal-gustizzja, u dan billi fl-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri l-oneru tal-prova ma giex spjegat tajjeb lill-gurati billi ntqal lilhom li l-akkuzat kellu jipprova t-tezi tieghu sal-grad tal-probabbli; (2) li saret irregolarita` matul il-kawza, jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi, li kellha influwenza fuq il-verdett u li minhabba fiha saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja u dan billi, waqt li kien qed jixhed ix-xhud tad-difiza Omar Ablett, il-kondotta ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri kienet tali li mminat serjament jekk mhux addirittura xejjnet ghal kollox il-prova li riedet taghmel id-difiza kemm bl-imsemmi xhud kif ukoll b'xhieda ohra tad-difiza li ssemmew indirettament fl-episodju kontestat; (3) li saret irregolarita` matul il-kawza, jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi, li kellha influwenza fuq il-verdett u li minhabba fiha saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja, u dan billi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni – id-dubju dettat mir-raguni – gie spjegat b'mod lakoniku u fugaci; (4) li,

minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza; (5) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-piena erogata kienet eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Dawn l-aggravji ser jigu kkunsidrati *seriatim*.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jirreferi ghall-pozizzjoni legali dwar l-oneru tal-prova fir-reati ta' pussess u importazzjoni ta' droga kif spjegata fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Marzouki Hachemi Beya bent Abdellatif** deciz fis-16 ta' Frar 1998. Jghid illi fid-dawl tal-principji enuncjati f'dik is-sentenza, kien jispetta lilu li jipprova sal-grad tal-probabilita` li hu ma kienx jaf li l-baskett li halla Victor Magri fil-hanut tieghu kien jikkontjeni droga – haga li huwa dejjem stqarr. L-appellant jghid illi kien hemm zewg verzjonijiet ta' kif saret is-sejba tad-droga, dik ta' l-appellant korroborata mill-Ispettur Dennis Theuma waqt il-kumpilazzjoni, u dik tal-pulizija li kienu nvoluti fit-tfittxija. Skond l-appellant, meta l-Ispettur xehed fil-guri "konvenjentement nesa d-dettalji tal-kaz u kellu jigi mfakkar b'dak li kien xehed waqt il-kumpilazzjoni sabiex ix-xiehda li kien ta f'din il-kumpilazzjoni ssir xiehda ammissibbli fit-termini tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali." Skond l-appellant, f'dan l-istat ta' provi kien zbaljat l-Imhallef li ppresjeda l-guri meta indirizza lill-gurati li **"d-difiza bizzejjed twassalkom biex taccettaw it-tezi taghha jew inkella l-verzjoni tax-xhieda taghha jew ta' l-akkuzat stess sal-grad tal-probabbli, jigifieri li x'aktarx iva milli le l-affarijiet graw kif qed jghidu d-difiza u mhux kif qed tghid il-prosekuzzjoni."** U jkompli l-appellant:

"Ghalkemm l-abbli prosekutur ghamel minn kollox biex iwarrab il-figura ingombranti ta' l-Ispettur Theuma minn fuq ix-xena ta' l-allegat delitt, ix-xiehda tieghu kienet ukoll parti mit-tezi tal-prosekuzzjoni u ma setghetx tigi addossata fuq l-esponent b'mod li kellu hu jipprova sal-grad tal-probabbli li l-Ispettur Theuma kien qed jghid il-verita`! Kienu biss il-manuvri tal-prosekuzzjoni li kkrejaw sitwazzjoni fejn, sabiex jigi gustifikat il-konflitt li kellha hi fil-provi taghha, addirittura skattat inversjoni ta' l-oneru tal-prova ghal fuq l-esponent.

"Illi ghalhekk jinghad bl-akbar rispett il-gurati gew serjament zvijati b'din il-parti ta' l-indirizz ta' l-Onorevoli Imhallef. Kellu jigi spjegat lill-gurati li ma kien hemm ebda oneru fuq l-esponent li jipprova sal-grad tal-probabbli li l-affarijiet ma sehhewx kif xehdu P.S. 1086 Johann Micallef, P.C. 451 Aaron Bugeja u W.P.C. 89 Mariella Spiteri izda sehhew kif xehed l-Ispettur Dennis Theuma. Dawn kienu kollha xhieda tal-prosekuzzjoni u l-konflitt li kien hemm bejniethom ma jista' qatt jigi addossat fuq l-esponent. L-Onorevoli Imhallef kellu jispjega lill-gurati li kien hemm konflitt fil-versjonijiet tal-prosekuzzjoni u li huma kienu liberi jaghzlu liema versjoni jridu, basta li kwalunkwe dubju jmur favur l-esponent. Dan ma sarx. Anzi ntqal lill-gurati li l-prosekuzzjoni qed tghid li ma kien hemm ebda konflitt fl-evidenza prodotta minnha!

"Illi dak li kellu jipprova l-esponent sal-grad tal-probabbli kien li hu ma kienx jaf li l-baskett kien jikkontjeni droga. Bil-mod kif gew indirizzati fil-bidu ta' l-indirizz, il-gurati bilfors fehmu li kien jinkombi fuq l-esponent jipprova t-tezi kollha tad-difiza u mhux biss li ma kienx jaf li l-baskett kien jikkontjeni droga. Qatt ma saret distinzjoni bejn ix-xjenza ta' l-esponent u t-tezi tad-difiza. Naturalment, bilkemm hemm ghalfejn jinghad li li kieku gie spjegat lill-gurati li t-tezi tad-difiza dwar il-fatti kienet ukoll korroborata mix-xhud principali tal-prosekuzzjoni, u li ghalhekk kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova t-tezi minnha konvenjentement maghzula sal-grad tac-certezza morali, u li dwar il-fatti kif sehhew wara li l-Pulizija waslu fuq il-post id-difiza ma kellha tipprova xejn, dan kien certament jimpingi wkoll fuq il-prova tan-nuqqas ta' xjenza li kellu jaghmel l-esponent."

**7.** Fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali l-funzjoni ta' l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta' akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa

biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

**8.** Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli.

**9.** Huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta' indirizz, izda, apparti li dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, l-indirizz ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat jekk setax sehh xi *"miscarriage of justice"*. Ghalhekk din il-Qorti ezaminat l-indirizz in kwistjoni fl-intier tieghu. L-ewwelnett is-silta li dwarha jilmenta l-appellant u citata hawn fuq[1] hi mehuda mill-parti introduttorja ta' l-indirizz fejn l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jirreferi ghall-principji li jirregolaw il-guri, fosthom il-piz tal-prova; u dak li qal hu legalment korrett. Bhalma hu legalment korrett dak li aktar tard fl-indirizz[2] l-Imhallef li ppresjeda l-guri jghid meta jispjega fid-dettall il-grad ta' prova li jrid jintlahaq mid-difiza qabel ma jghaddi biex jispjega l-grad ta' prova li jrid jintlahaq mill-prosekuzzjoni. Dan kollu jinghad fil-parti introduttorja jew generali ta' l-indirizz qabel ma l-Imhallef li ppresjeda l-guri jghaddi biex jispjega l-partikolaritajiet tal-kaz in ezami. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li kellhom jiddeciedu l-gurati gie mpostat tajjeb ferm mill-Imhallef li ppresjeda l-guri kif jidher mis-segwenti brani:

"... u f'dal-kaz huwa importanti hafna l-element ta' l-intenzjoni fis-sens ta' x'kien jaf u x'ma kienx jaf l-akkuzat dwar din il-partita ta' droga, u hemm qieghda l-kwistjoni kollha f'dan il-kaz, ghaliex kif ghidtilkom li nstabet id-droga fil-kexxun tal-bar gestit minnu non se ne parla, no

1 *Supra* paragrafu 6.
2 Traskrizzjoni ta' l-indirizz pagna 24.

question, hekk hu. Li dik hija droga, li hija droga kontra l-ligi, qalilna l-ispizjar u d-difiza mhix qed taghmel issue minnha. Hux hekk dottore? Jigifieri koncess mid-difiza li hija droga li ma jisatx ikollok fil-pussess tieghek. Il-kwistjoni kollha hi l-element formali biex ma nghidlux intenzjonali ghax intenzjoni forsi tiftiehem li jrid ikollu l-intenzjoni li jkollu, f'dal-kaz l-element formali jikkonsisti mix-xjenza, mill-*awareness* kif ser nispjegalkom dalwaqt ta' dak l-oggett x'inhu u x'mhuwiex."[3]

"... hu qed jghid li 'jien ma' din id-droga ma kelli x'naqsam xejn, lanqas biss kont naf li hija droga."[4]

"Jigifieri l-pussess irid ikun pussess li dak li jkun jaf bih u di piu`, u hawn issa tidhol il-kwistjoni, mhux jaf bih biss li ghandu pakkett hemm imma lid ak il-pakkett jew li dik il-borza tikkontjeni droga projbita,d ak li nghidulu ahna l-pussess xjenti .... Imma kien jaf li qieghed hemm, hu jghid li kien jaf li hemm pakkett, iva kien jaf, imma ma jafx x'fih il-pakkett. Dik hija l-linja difensjonali principali, u allura kollox jiccentra kienx jaf jew ma kienx jaf. Issa filwaqt li l-prosekutur irid jippruvalkom li kien jaf sal-grad tac-certezza morali, *beyond reasonable doubt*, id-difiza bizzejjed li tissodisfakom li ma kienx jaf sal-grad tal-probabbli, jigifieri aktarx iva milli le ma kienx jaf. Issa kif ser tiddeciedu? Billi tiflu l-provi li smajna. Hemm l-ezercizzju qieghed kollu, jigifieri din mhijiex xi kawza li tipprezenta hafna tahbil tal-mohh imma hemm decizjoni vitali li tittiehed, kienx jaf jew ma kienx jaf. Issa tghiduli ahna ser nidhlu f'mohhu, inkunu nafu x'kien jaf u x'ma kienx jaf? U ghalhekk hawnhekk tidhol imbaghad l-interpretazzjoni tal-fatti, l-interpretazzjoni tac-cirkostanzi, tas-*circumstantial evidence* illi l-prosekuzzjoni interpretat certa evidenza b'certa mod u biex twassalkom ghall-htija fuq dik l-interpretazzjoni trid twassalkom sal-grad tac-certezza morali, id-difiza interpretat ic-cirkostanzi mod iehor.

---

[3] *Ibidem* pagni 29 – 30.
[4] *Ibidem* pagna 33.

“L-ewwelnett m’hemmx qbil fuq certi cirkostanzi ghax id-difiza hadet linja li l-fatti graw b’certu mod, partikolarment kienx hemm zewg episodji fejn l-akkuzat wera jew ikkonsenja d-droga lill-pulizija jew episodju wiehed. Li kien hemm wiehed zgur, li kien hemm tnejn huwa kontestat. Id-difiza qed tghid fix-xiehda tieghu, ta’ l-akkuzat, li kien hemm okkazjoni wahda. Il-prosekuzzjoni resqitilkom tliet xhieda li jghidu li saret f’zewg fazijiet, l-ewwel meta dahhal idejh hemmhekk u hareg dik is-sapuna, bil-mod kif jghidu x-xhieda li harigha, u x-xiehda ta’ l-Ispettur li l-prosekuzzjoni targumenta ma twaqqax ix-xiehda ta’ dawk it-tliet pulizija imma tasal safejn tasal ghax l-Ispettur ma kienx hemm il-hin kollu, invece x-xiehda tad-difiza, ta’ l-akkuzat, takkampa sa certu punt fuq dik ix-xiehda ta’ l-istess spettur li tghid isma’ jiena darba gbidt minn hemm u x-xhud l-Ispettur Theuma l-istess bhali qed jghid, darba gbidt minn hemm u mhux tnejn. Tghiduli imma issa x’inhi d-differenza bejn darba u tnejn? Heqq, hemm l-argumenti kollha li smajtu, interpretaw dawn l-argumenti, jigifieri gew interpretati b’mod differenti, u l-prosekuzzjoni qed taghmel kapital mill-fatt illi ghandu jirrizulta, tghid hi, illi kien hemm zewg episodji – l-ewwel darba meta hareg wahda mbagahd wara hafna, hux ghoxrin minuta, hux iktar, hux inqas, qalilhom u indikalhom fejn hemm il-kumplament. Id-difiza qed tghid le ta, darba kien hemm li ssemma Magri allura kklikkja f’mohhu li Magri seta’ kien li halla xi haga mhux legali hemm, jghid mela ghal dak qed jghid u mar u tahomlu. Hawn qieghda l-kwistjoni li tridu tahsbu fuqha ...”[5]

“Il-*one thousand dollar question* ser tibqa’ f’dan il-kaz kienx jaf jew ma kienx jaf x’ghandu hemm. Hemm qieghed il-punt principali li tridu tiddeciedu. Probabbilment qabel ma tiddeciedu dik tridu wkoll tiddeciedu fejn hemm konflitt fil-provi liema verzjoni intom ser taccettaw. Il-prosekuzzjoni qed tistedinkom biex taccettaw il-verzjoni ta’ dawk it-tliet pulizija kif korroborata sa certu punt mill-Ispettur Theuma ghax hu jghid illi l-verzjoni ta’ l-Ispettur Theuma ma tikkozzax, ma tikkontradixxix dawk it-tliet verzjonijiet, imma tidhol biss fil-parti fejn dahal in xena l-

[5] *Ibidem* pagni 35 – 37.

Ispettur. Invece l-akkuzat jghid illi d-difiza qed tistedinkom taccettaw il-verzjoni tieghu illi huwa ma kienx jaf, illi l-verzjoni tieghu sa certu punt hija korroborat anki mill-verzjoni ta’ l-Ispettur li jghid li darba biss ittiehdet droga mill-kexxun fil-mument meta wara mbagahd hu hassu hazin, mentri l-verzjoni ta’ dawk it-tlieta kienet li hassu hazin qabel ma harget it-tieni konsenja .... Allura l-ewwel probabbilment peress illi z-zewg partijiet enfasizzaw din id-diskrepanza ghaliex interpretaw miz-zewg verzjonijiet, hargu wkoll interpretazzjonijiet differenti, forsi bhala fatt nahseb li jkollkom tiddeciedu necessarjament liema verzjoni intom ser taccettaw ta’ kif graw l-affarijiet .... imbaghad wara hemmhekk tghaddu ghall-istadju l-iehor, isma’ bil-provi kif qed jinterpretahom il-prosekutur, bil-provi anki kif qed jinterpretahom id-difiza, jiena nista’ nasal sac-certezza morali illi dan kien jaf x’ghandu f’dan il-baskett?”[6]

**10.** Minn dawn il-brani huwa evidenti li l-Imhallef li ppresjeda l-guri pogga ghall-konsiderazzjoni tal-gurati l-kwistjonijiet principali li kellhom jigu decizi minnhom fid-dawl tal-grad tal-prova li trid tintlahaq mill-prosekuzzjoni u dik li tista’ tintlahaq mid-difiza, filwaqt illi rreferihom ghall-argumentazzjoni kollha f’dar-rigward kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza. Bil-mod kif indirizza lill-gurati, l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma zvijahomx, ghamel ir-referenza necessarja ghall-konflitti li kien hemm fil-provi u halla f’idejn il-gurati, kif kellu jaghmel, biex, bhala l-imhallfin tal-fatti, jiddeciedu. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

**11.** <u>It-tieni aggravju</u> jirrigwarda l-kondotta ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri waqt li kien qieghed jixhed Omar Ablett. L-appellant jghid illi d-difiza riedet taghmel il-prova dwar il-mod kif kien jigi gestit il-bar ta’ l-appellant, fis-sens li kien hemm certu *laissez-faire* ghal persuni li kienu kkunsidrati “ta’ gewwa” jew ghal xi raguni ohra, per ezempju ghaliex kienu *players* tal-*club* jew *supporters* tal-*club*, jew ghax hbieb antiki ta’ l-appellant. Ghalhekk id-difiza tellghet tliet xhieda, u l-ahhar wiehed kien Omar Ablett li l-Imhallef li

---

[6] *Ibidem* pagni 43 – 44.

ppresjeda l-guri "nfexx verbalment kontrih b'aggressivita` u ssuggerixxa ripetutament li kien iddiskuta dak li kien qed jghid max-xhieda li xehdu qablu." Skond l-appellant:

"dan l-agir inkonsult ta' l-Onorevoli Imhallef immina serjament mhux biss il-kredibilita` ta' dan ix-xhud izda wkoll il-kredibilita` tax-xhieda l-ohra tad-difiza jekk mhux addirittura ghad-difiza kollha ta' l-akkuzat. Ma jistax ikun hemm dubju li l-gurati gew influwenzati negativament dwar dak li kien qed jinghad minn dawn ix-xhieda peress li l-messagg li nghata bl-attakk ta' l-Imhallef kien li l-istess Imhallef ma kienx qed jemmen dak li kienu qed jghidu. Tali hsara ma setghet qatt tigi newtralizzata bl-accenn fugaci li sar fl-indirizz fejn gie spjegat li kwalunkwe intervent tieghu kien intiz biss biex jara jekk ix-xhud huwiex qed jghid il-verita`."

**12.** L-appellant jirreferi ghal bran mill-ktieb **Judicial Discretion and Criminal Litigation** ta' Rosemary Pattenden li din il-Qorti gieli ghamlet referenza ghalih u jghid:

"Illi filwaqt li ma huwiex qed jigi kontestat li r-rwol ta' l-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi guri ma jista' qatt ikun dak ta' *'umpire'* jew *'sphinx judge'*, fl-istess waqt ma jistax jinghad li l-Imhallef *'act[ed] fairly and preserve[d] an appearance of impartiality'*. Dan qed jinghad ghaliex il-kritika feroci ta' l-Imhallef giet biss indirizzata lejn ix-xhieda tad-difiza Chris Cutajar, Silvio Bonnici u Omar Ablett. L-istess atteggjament ma giex rizervat ghat-tliet xhieda tal-prosekuzzjoni P.S. 1086 Johann Micallef, P.C. 451 Aaron Bugeja u W.P.C. 89 Mariella Spiteri li ghamlu minn kollox biex l-istorja minnhom rakkontata tkun tidher identika. Kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem, dawn it-tliet xhieda fasslu storja biex jixhtu dell fuq l-esponent, liema storja, f'certu dettalji ta' natura sostanzjali, giet varjata mill-verzjoni moghtija waqt il-kumpilazzjoni. L-Onorevoli Imhallef f'ebda mument ma hass li kellu jkun aggressiv maghhom minhabba l-fatt li l-istorja taghhom kienet identika f'certa partijiet importanti kif ukoll minhabba l-fatt li l-verzjoni taghhom kienet tiddipartixxi serjament mill-

verzjoni ta’ l-Ispettur Dennis Theuma li kien ukoll fuq il-post.

“Illi ma hemmx dubju li dan it-trattament diskriminatorju kellu influwenza negattiva fuq il-gurati u minhabba f’dan l-agir saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.”

**13.** L-appellant jirreferi wkoll ghal bran minn Archbold, **Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2001** dwar l-intervenzjonijiet ta’ l-Imhallef li jippresjedi l-guri, u josserva:

“Illi ntqal ben tajjeb fis-sentenza fuq citata *R v Matthews and Matthews*, 78 Cr.App.R. 23, dak li jholl u jorbot hu l-kwalita` ta’ l-intervent kif relatat ma’ l-attitudni ta’ l-Imhallef kif osservat mill-gurati. Fil-kaz in dizamina l-attakk ta’ l-Imhallef kien aggressiv hafna u ma setax ma halliex effett fuq il-gurati. Dan il-fatt abbinat mal-fatt li l-istess atteggjament ma giex rizervat ghax-xhieda tal-prosekuzzjoni li kienu qed igiddbu dak li kien qed jghid l-Ispettur Theuma necessarjament wassal biex saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.”

**14.** Din il-Qorti semghet ir-registrazzjoni tax-xiehda ta’ Omar Ablett u assolutament ma taqbilx ma’ l-appellant li l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien aggressiv fil-konfront ta’ dan ix-xhud. Huwa veru li t-tonalita` nbidlet xi ftit waqt illi l-Imhallef sedenti ppersista fil-linja ta’ mistoqsijiet dwar jekk ix-xhud kienx tkellem ma’ xhieda ohra dwar dak li kienu se jixhdu, izda t-tonalita` uzata hija *a far cry* mill-allegata aggressivita` li jghid l-appellant. Lanqas ma tista’ tifhem din il-Qorti fejn jinsab l-“attakk feroci” li l-appellant jghid li ghamel l-Imhallef li ppresjda l-guri fuq ix-xhieda tad-difiza Chris Cutajar, Silvio Bonnici u l-imsemmi Omar Ablett. Imbaghad, minn ezami tax-xiehda ta’ P.S. 1086 Johann Micallef, li xehed wara l-Ispettur Dennis Theuma, jirrizulta li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ghamel sensiela ta’ mistoqsijiet lil dan P.S. 1086 biex jittestja l-kredibilita` tieghu in vista ta’ diskrepanza cara li kien hemm bejn dak li xehed hu u dak li kien xehed l-Ispettur Theuma. U waqt li P.S. 1086 Johann Micallef kien qieghed jixhed in kontro-

ezami fuq mistoqsijiet tad-difiza dwar din id-diskrepanza, l-Imhallef li kien qieghed jippresjedi rrimarka, fil-fehma ta' din il-Qorti, korrettement: *"Issa mbaghad jiddeciedu l-gurati min ghamel zball u min m'ghamilx, jekk xi hadd ghamel zball. Daqshekk. Ma nergghux nirrepetu l-istess domanda Dottore, hija evidenti li hemm diskrepanza. Issa jridu jaraw il-gurati lil min ser jemmnu. Semghu lil dan jixhed, semghu lill-iehor jixhed, u jaraw huma."* Bil-fatt li mbaghad l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma saqsiex lil P.C. 451 Aaron Bugeja u W.P.C. 89 Mariella Spiteri jekk kinux tkellmu dwar dak li kienu ser jixhdu, bhalma eventwalment saqsa lil Omar Ablett, ma jfissirx li saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja. U, wara kollox, waqt li l-Imhallef kien qieghed jaghmel il-mistoqsijiet tieghu lil Omar Ablett, huwa qallu: *"Mhux qed nghidlek li mhux qed tghid il-verita`, ta, qed nistaqsik jekk kellimtx lil xi hadd fuqhiex se tghid illum."* U rrimarka wkoll: *"Jien qed nistaqsi biex nara jekk tkellimx ma' xi hadd indipendentement mill-verita` ta' dak li qed jghid."* Ma tistax fl-ahharnett din il-Qorti ma tirreferix ghall-indirizz fejn l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien car dwar ir-rwol tieghu u dak tal-gurati:

"Mela intom bhala l-imhallfin tal-fatt ser tiddeciedu fuq il-fatti, nghid x'nghid jien ... nintervjeni fejn l-affarijiet ma jkunux cari jew inkella dak li jkun qieghed jghaddi jigri minn fuq xi aspett tax-xiehda tieghu u jiena jkun jidhirli li ahjar inwaqqfu f'dak l-istadju halli jispjega ahjar x'qed jghid ezatt. Xi kultant xi affarijiet jibqghu mexjin u tibqa' sejra mar-rih kelma, mentri kelma jista' jkollha hafna *meaning* u ghalhekk jintervjeni l-Imhallef kif rajtuni nintervjeni f'diversi stadji kemm fix-xhieda tal-prosekuzzjoni anke x-xhieda tad-difiza ha niccara certi punti forsi jien ma nkunx qed narahom cari. Pero` bil-fatt li nkun ghamilt dak l-intervent jien, intom ma tistghu bl-ebda mod tinterpretawh, tghidu ara ghamillu dawk id-domandi mela zgur mhux qed jemmnu l-Imhallef, anki l-Imhallef mhux qed jemmnu,mela kif ser nemmnuh ahna? Le, jekk taghmlu hekk qed taghmlu hazin hafna ghaliex l-ewwelnett kulhadd ghandu l-istil tieghu kif jaghmel id-domandi u hemm mod u mod kif isiru d-domandi. It-tieni haga hemm ukoll illi kultant ma tkunx qieghed taghmel domanda b'certu mod inti biex tgiddbu lil dak li jkun jew

biex tohorgu ta’ giddieb imma *to test the evidence*, biex tara kemm hu sod f’dak li qed jghid, mhux ghax mhux qed temmnu imma trid tkun cert li dak li qed jghid hija l-lverita` u konvint minnha, mhux qabad u tefaghha. Allura taghmillu certi domandi biex tara jekk izommx ma’ dik il-verzjoni li qed jaghti. Pero` finalment r-*referees*, l-arbitri finali, huma intom tal-fatti, u jekk ser naghmlu analogija mar-*referee* tal-*football*, ir-*role* taghkom huwa tar-*referee* li fl-ahhar id-decizjoni finali hija tieghu u jien se mai meta nagixxi billi naghmel xi domandi lil xi xhud ... huwa iktar pjuttost ta’ *linesman*....”

**15.** Wara li din il-Qorti qieset ukoll l-andament tal-guri fit-totalita` tieghu, ma jirrizultax li l-ewwel Qorti eccediet il-limiti tad-diskrezzjoni taghha f’dak li hu l-mod u l-istanzi li hija interveniet biex taghmel mistoqsijiet lix-xhieda. Anzi dak kollu li ghamlet l-ewwel Qorti ghamlitu skond il-ligi, fid-diskrezzjoni taghha, u bl-iskop ahhari li jsir it-**tikxif tal-verita`**. Ghalhekk, u fid-dawl ta’ l-osservazzjonijiet maghmula fil-paragrafu precedenti, tqis it-tieni aggravju ta’ l-appellant infondat u ghalhekk tichdu wkoll.

**16.** Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> l-appellant isostni li l-kuncett ta’ dubju dettat mir-raguni ma giex spjegat bir-reqqa lill-gurati. Jilmenta mill-fatt illi l-ispjegazzjoni li ta l-Imhallef li ppresjeda l-guri giet *“sandwiched”* bejn zewg twissijiet li dan il-kuncett ma jfissirx *“beyond a shadow of a doubt”*. Jghid li kien ikun ahjar li kieku saret izjed enfazi fuq x’inhu d-dubju dettat mir-raguni u fuq in-nozzjoni ta’ *“lurking doubt”* milli l-enfazi zejda fuq x’ma huwiex id-dubju dettat mir-raguni.

**17.** L-ewwelnett jinghad illi ma hemm l-ebda forma sagramentali ta’ kif ghandu jigi spjegat il-kuncett ta’ dubju dettat mir-raguni. Kif qal Lord Hailsham, L.C. f’*R. v. Lawrence* [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (Archbold, **Criminal Pleading, Evidence and Practice**, para. 4-368, p. 460): **“The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case…. A direction to a jury should be custom-built to make the**

**jury understand their task in relation to a particular case."** Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-parti rilevanti ta' l-indirizz[7], din il-Qorti hi tal-fehma li dan il-kuncett gie spjegat sodisfacentement lill-gurati. Difatti, minbarra li gie spjegat lill-gurati x'mhuwiex dubju dettat mir-raguni, intqal lilhom ukoll li d-dubju dettat mir-raguni: *"Huwa dubju ta' min wara li jifli l-provi kollha bl-intellett u bl-intelligenza kollha li ghandu ghad-disposizzjoni tieghu jibqa' jippersisti u ma jkunx jista' jiddeciedi, wara li jimpenja ruhu bl-ikbar serjeta` kif jimpenja ruhu fl-affarijiet serji tal-hajja tieghu."* Konsegwentement anke dan l-aggravju qieghed jigi michud.

**18.** Permezz tar-<u>raba' aggravju</u> l-appellant isostni li gie misjub hati hazin fuq il-fatti. Jghid illi mix-xhieda kollha involuti fil-kaz, huwa kien l-uniku wiehed li wera konsistenza fil-verzjoni tieghu li giet anke korroborata minn xhieda u cirkostanzi ohra. Jghid li minhabba certi allegazzjonijiet li saru minn zewg ufficjali tal-pulizija (li saru tlieta fil-kors tal-guri), kif ukoll minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, huwa spicca erronejament fis-sitwazzjoni xejn felici fejn kellu jipprova l-innocenza tieghu. Li l-baskett bir-raza tal-cannabis thalla minn certu Victor Magri hu kkorroborat minn Chris Briffa, *technician* li kien fil-hanut isewwi *fridge* – xhud dan li kien issemma mill-appellant fl-istqarrija tieghu izda li ma giex prodott mill-prosekuzzjoni u kienu l-gurati stess li talbu ghalih. L-appellant jinsisti li l-verzjoni tieghu hi korroborata mix-xiehda ta' l-Ispettur Dennis Theuma fil-kumpilazzjoni. *"Sfortunatament ghall-esponent u konvenjentement ghall-prosekuzzjoni,"* ikompli l-appellant, *"meta l-Ispettur xehed fil-guri l-memorja tieghu dwar il-kaz kienet menomata sew salv li ftakar li dakinhar kien diehel u hiereg mill-bar sabiex jikkomunika mas-superjuri tieghu biex b'hekk ix-xiehda ingombranti tieghu giet arginata b'mod li ma tikkonfliggix kompletament ma' dik ta' P.S. 1086 Johann Micallef, P.C. 451 Aaron Bugeja u W.P.C. 89 Mariella Spiteri. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li l-assena temporanja ta' l-Ispettur giet konfermata b'certa insistenza minn dawn it-tliet xhieda u dan nonostante li hadd minnhom (u del resto*

[7] Traskrizzjoni ta' l-indirizz, pagni 25 – 27.

*lanqas l-Ispettur) ma xehed b'dan il-mod waqt il-kumpilazzjoni. Fi kwalunkwe kaz, l-Ispettur Theuma gie konfrontat b'dak li kien qal waqt il-kumpilazzjoni u, filwaqt ma ftakar kwazi xejn, ma nnegax li dak li kien gara kien dak li kien xehed dwaru fil-kumpilazzjoni."*

**19.** Skond l-appellant, il-verzjoni "preparata" tat-tliet pulizija msemmija hi inverosimili. Jghid li ma jaghmilx sens li bniedem jghid lill-Pulizija fejn qieghda d-droga, iwassalhom sal-post imbaghad jaghmel manuvra suspettuza b'erba' pulizija mdawwrin madwaru. Lanqas ma jaghmel sens, isostni l-appellant, li nonostante din il-manuvra suspettuza, il-Pulizija baqghet tistaqsih jekk kellux izjed droga. U jkompli jghid l-appellant:

"Illi fattur interessanti kien il-mod kif il-prosekuzzjoni kkombacjat dawn iz-zewg verzjonijiet konfliggenti taghhom. Waqt il-guri, kif gja` ntqal, spuntat din il-verzjoni ingenjuza li dakinhar l-Ispettur Theuma kien diehel u hiereg mill-bar sabiex jikkomunika mas-superjuri tieghu. Pero` hadd mit-tliet xhieda l-ohra li kienu fuq il-post ma wasal sal-punt li jghid li l-ispettur ma kienx fuq il-post meta l-esponent tahom il-baskett.

"Illi waqt ir-replika tieghu, l-abbli prosekutur mar pass oltre u ssottometta li l-esponent ghamel minn kollox biex il-verzjoni tieghu tigi taqbel ma' dik ta' l-Ispettur Theuma peress li hekk kien jaqbel lilu. Issa l-kronologija ta' kif graw l-affarijiet juri kemm din it-tezi ma hija xejn hlief montatura sabiex il-prosekuzzjoni tkompli ggib il-bocca qrib il-likk. Dan qed jinghad ghaliex huwa fatt inkonfutabbli li l-ewwel darba li l-esponent spjega kif graw il-fatti kien dakinhar stess ta' l-incident u dan jinsab ukoll registrat fl-istqarrija li ta lill-Pulizija. L-Ispettur Theuma xehed xi zmien wara fil-kumpilazzjoni. Dan juri kemm it-tezi tal-prosekuzzjoni hija fallaci u mgiddba mill-provi migjuba minnhom stess.

"Illi fl-umli fehma ta' l-esponent dak li verament jitfa' dawl fuq kif graw l-affarijiet fil-15 ta' Gunju tas-sena 2004 hija l-istqarrija ta' l-esponent. Il-kontenut ta' dik l-istqarrija hija indikazzjoni cara li l-affarijiet sehhew kif spjegati mill-esponent. Fil-fatt id-domandi ta' l-ispettur Nezrin Grixti

huma indikattivi tad-dinamika ta' l-akkadut fil-gurnata in kwistjoni. Issa ghalkemm l-Ispettur Grixti ma kienx fuq il-post, l-istess ma jistax jingha ghal P.S. 1086 Johann Micallef li kien prezenti wkoll ghall-istqarrija. Meta s-surgent gie mistoqsi kif ma oggezzjonax ghad-domandi ta' l-Ispettur li kienu jaghtu stampa ferm differenti minn dak li qal fix-xiehda tieghu, ma kienx f'pozizzjoni li jispjega dan. L-inverosimiljanza tal-fatti kif spjegati minn dan ix-xhud ftit li xejn tigi mghejjuna minn dan il-fatt inspjegabbli.

"Illi kien ghalhekk li l-abbli proskutur ikkonceda, waqt ir-replika, li li kieku ma kienx ghax-xiehda ta' P.S. 1086 Johann Micallef, P.C. 451 Aaron Bugeja u W.P.C. 89 Mariella Spiteri, hu stess kien jaqbel mat-'tezi tad-difiza'. Fi kliem iehor, it-tezi tal-prosekuzzjoni tistrieh esklussivament fuq ix-xiehda ta' P.S. 1086 Johann Micallef u taz-zewg subalterni tieghu. Mhux ta' b'xejn dakl-isforz enormi waqt il-guri tal-prosekuzzjoni biex l-Ispettur Dennis Theuma jitwarrab minn fuq ix-xena ta' l-allegat delitt.

"Illi naturalment kien hemm ukoll ix-xhieda li gabu d-difiza, u cioe` l-esponent u diversi persuni ohra li spjegaw li kienet haga normali li l-persuni midhla tieghu jhallu oggetti taht il-bar, fil-kxaxen u fl-armarju.

"Illi jinghad ukoll li kemm l-ispettur Dennis Theuma kif ukoll l-Ispettur Nezrin Grixti xehdeu li l-esponent ma kienx maghruf maghhom fic-crieki tad-droga u qatt ma kienu semghu bih. Hu risaput li fil-kamp tad-droga l-Pulizija tinvestiga u tahdem principalment bl-*intelligence* u l-persuni involuti f'dawn ic-crieki jkunu maghrufa maghhom. Ix-xoghol tal-Pulizija hu li jigbru l-provi kontra dawn il-persuni biex ikunu jistghu jressquhom quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Huwa ferm difficli li persuna li tkun qed tahdem ma' persuna notorja bhalma kien Victor Magri ma tkunx maghrufa mill-Pulizija.

"Illi ghalhekk qed jigi sottomess li l-gurati ma setghux ragjonevolment jaslu ghal-verdett li waslu ghalih. In pessima ipotezi ghall-esponent, il-provi wrew li jezisti dak id-dubju dettat mir-raguni jekk hu kienx jaf li l-baskett kien

jikkontjeni droga u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-akkuza li giet addebitat lilu."

**20.** Dan ir-raba' aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-gurati, ben indirizzati, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha[8]. In ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda u tas-sottomissjonijiet li saru quddiem l-ewwel Qorti, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u ezaminat ukoll id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u jaraw liema verzjoni setghu jaghtuha affidament. Jigi enfasizzat li l-gurati kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha. Din il-Qorti tara li l-punt krucjali f'dan il-kaz kien u jibqa' l-istess, u cioe` jekk jinghatax affidament lill-verzjoni ta' l-appellant jew dik tat-tliet pulizija fuq imsemmija dwar il-movimenti li saru dakinhar tal-15 ta' Gunju 2004 gewwa l-bar gestit mill-appellant.

---

[8] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**21.** Jigi l-ewwelnett osservat illi, kuntrarjament ghal dak li jghid l-appellant li l-allegazzjonijiet kienu saru minn zewg pulizija u dawn saru tliet pulizija fil-kors tal-guri, it-tliet xhieda P.S. 1086 Johann Micallef, P.C. 451 Aaron Bugeja u W.P.C. 89 Mariella Spiteri taw l-istess verzjoni fil-guri li kienu taw fil-kumpilazzjoni, cioe` li r-raza tal-cannabis giet skoperta f'zewg istanzi, l-ewwel meta l-appellant dahhal idu fit-tieni kexxun tal-bank u hareg "sapuna" wahda u aktar tard meta ndika li kien hemm aktar fl-istess kexxun. Jigifieri dawn ix-xhieda kienu konsistenti fix-xiehda taghhom. Huwa evidenti mill-verdett tal-gurati li huma qisu kredibbli l-verzjoni ta' dawn it-tliet pulizija. Dan ghamluh wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, inkluz ta' l-appellant stess, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda", kif ukoll "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.

**22.** Is-sottomissjonijiet ta' l-appellant ghandhom valur argumentattiv sostanzjali, izda l-pern tal-kwistjoni hi jekk dawn it-tliet pulizija setghux ragjonevolment jitqiesu kredibbli f'dak li xehdu. Biex din il-Qorti tqis dak li xehdu dawn it-tliet pulizija bhala inveritjer, trid tikkonkludi li dawn gidbu sfaccatament. Ghalkemm il-movimenti ta' l-appellant deskritti minnhom jistghu jidhru strambi bhalma forsi mad-daqqa t'ghajn jidher stramb il-fatt li meta l-appellant allegatament hareg sapuna wahda minn gol-kexxun ma geghluhx jerga' jiftah jew ma fethux huma l-kexxun biex jaraw x'seta' jikkontjeni aktar dak il-kexxun, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tikkunsidra li dak li xehdu kien falz; konsegwentement seta' jitwemmen mill-gurati. L-ewwelnett tosserva li mhuwiex inverosimili li fil-mument deskritt minn dawn it-tliet xhieda l-Ispettur Dennis Theuma ma kienx prezenti u kien qieghed barra l-hanut jitkellem fuq il-*mobile* mas-superjuri tieghu. Mhuwiex inverosimili lanqas li b'dak li dawn il-pulizija ddeskrivew li

ghamel l-appellant, huwa kien qieghed jipprova jaghmel *damage limitation*. Din il-Qorti fil-fatt tirreferi ghax-xiehda ta' P.C. 451 Aaron Bugeja fejn qal li meta l-appellant hareg is-sapuna u taha lill-pulizija, P.S. Micallef baqa' jghidlu li se jkomplu jfittxu ghal affarijiet ohra u jekk ghandu xi haga ohra jtihielhom, u l-appellant qal: "Mhux dik ridtu?" Mhuwiex inverosimili lanqas, bhalma xehed P.S. Micallef, li l-appellant ma semmiex mill-ewwel min kien gab dawn is-sapuniet tar-raza tal-cannabis. Din il-Qorti tirreferi wkoll ghax-xiehda ta' l-Ispettur Dennis Theuma li qal li ghall-bidu l-appellant kien "kalm, trankwill hafna; imbaghad sakemm bdiet tipprocedi t-tfittxija u ersaqna fil-*bar area* proprju beda jidher is-Sur Bonnici li beda jsir naqra nervuz."

**23.** Ghaldaqstant il-gurati, nonostante d-diskrepanzi u nonostante c-cahda ta' l-appellant, mic-cirkostanzi spjegati minn P.S. 1086 Johann Micallef, P.C. 451 Aaron Bugeja u W.P.C. 89 Mariella Spiteri, setghu jaslu ghall-konkluzjoni li l-appellant kien jaf x'kellu fil-kexxun. U anke jekk din id-droga kien se jerga' jghaddi ghaliha Victor Magri, jibqa' li l-appellant ghal xi hin kien fil-pussess taghha f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Is-semplici fatt li d-droga giet depozitata ghandu ghal xi hin, f'cirkostanzi li juru li kien jaf li kienet droga, xorta jaghmluh responsabbli kif inghad. Ghalhekk anke r-raba' aggravju huwa michud.

**24.** <u>Il-hames aggravju</u> jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis eccessiva. Jghid li, tenut kont ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena minima li setghet tinghata kienet dik ta' tliet snin prigunerija. Jghid li skond l-Ispizjar Mario Mifsud il-valur tar-raza misjuba kien ta' cirka €5,500, valur li l-maggor parti tal-kazijiet iwassal lill-Avukat Generali jaghmel kontro-ordni wara l-kumpilazzjoni, haga li f'dan il-kaz ma ghamilx. Kieku saret kontro-ordni l-piena massima li setghet tinghata kienet tkun dik ta' sitt snin prigunerija. Ghalhekk f'dan il-kaz il-piena kellha tinghata fil-*minimum* taghha.

**25.** L-ewwelnett kwantu ghall-applikabilita` ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jigi osservat li l-ewwel Qorti hadet dan l-artikolu in konsiderazzjoni meta giet biex tikkalibra l-piena. Ghalhekk kull konsiderazzjoni ulterjuri huwa inutili. Kwantu ghall-fatt li l-Avukat Generali ma ghamilx kontro-ordni biex il-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, filwaqt illi din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn toqghod tikkongettura x'seta' wassal lill-Avukat Generali biex jipprocedi kif ipproceda, il-piz ta' droga nvoluta (1,154.1 grammi) kien evidentement wiehed mill-fatturi determinanti. Imbaghad in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[9]. Il-piena f'dan il-kaz kienet entro l-parametri tal-ligi u inoltre l-ewwel Qorti qieset dak kollu li seta' jitqies qabel ma ddeterminat il-piena. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-*quantum* tal-piena.

**26.** Permezz tas-sitt aggravju l-appellant jghid li meta l-ewwel Qorti kkundannatu jhallas is-somma ta' seba' mija u erbghin euro u wiehed u tmenin centezmi (€740.81c), import ta' l-ispejjez peritali inkorsi f'din il-kawza, ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li dawk l-ispejjez kienu biss in parti dovuti minnu peress li r-relazzjonijiet rispettivi ntuzaw fi tliet kazijiet separati. Peress illi mill-provi ma rrizultax li r-relazzjonijiet intuzaw fi tliet kazijiet separati kif jallega l-appellant, dan l-aggravju huwa michud ukoll. Ghal dawn il-motivi:

**27.** Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li z-zmien ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali kif ukoll iz-zmien li fih l-Avukat Generali ghandu jinforma lill-Qorti b'nota jekk ghandux bzonn li din

---

[9] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Carmelo Ebejer**, 4 ta' Novembru 2009; **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

id-droga tigi prezervata ghal skop ta’ xi proceduri ohra kontra terzi jibda ghaddej millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------